MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Numru 908/2008/1

**ALL FOR PROPERTY LIMITED**

**vs**

**IL-KONTROLLUR TAD-DWANA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta’ Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli “jiġbor minn fuq is-suq Malti l-prodotti importati f’Malta mir-rikorrenti konsistenti f’*energy drinks*” liema kunsinna kienet iddaħħlet f’Malta validament wara li kienu saru l-kontrolli meħtieġa u kien tħallas id-dazju u t-Taxxa (VAT) fuqha u wara li l-istess kumpannija rikorrenti kienet talbet u ngħatat liċenza biex idaħħal f’Malta l-kunsinna in kwestjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta’ Ġunju, 2008, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimat, u

qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-14 ta’ Lulju, 2008 f’nofsinhar;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-27 ta’ Ġunju, 2008, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oppona għat-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta’ Lulju, 2008, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob li l-intimat ma jitħalliex ikompli jiġbor mingħandha jew mingħand stabilimenti kummerċjali l-kunsinna ta’ bottijiet ta’ *energy drink* bl-isem ta’ “*Cocaine*” (aktar ’il quddiem imsejħa “x-xarba”) għaliex tqis li dan ikun qiegħed isir *ultra vires*, illegalment u abbużivament bla ebda setgħa mogħtija minn xi liġi bi ħsara kbira għall-jeddijiet u interessi tagħha;
Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat qiegħed jgħid li d-deċiżjoni li jiġbor l-imsemmija bottijiet tax-xarba ttieħdet wara li sarulu lmenti minn organiżżazzjoni non-governattiva dwar l-isem tax-xarba kien jagħti xebh lil għamla ta’ droga. Jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu kemm fuq kwestjoni ta’ *public policy* u kif ukoll bis-setgħat mogħtija bl-artikolu 30 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li għall-ħabta ta’ Settembru tal-2007, il-kumpannija rikorrenti talbet il-ħruġ ta’ permessi biex iġġib f’Malta x-xarba li timmanufatturaha kumpannija fl-Istati Uniti tal-Amerika, bl-isem ta’ Redux Enterprises inc. Ix-xarba hija klassifikata bħala *energy drink*. L-isem “*Cocaine*” huwa marka reġistrata, iżda l-kunsinna miġjuba f’Malta mill-kumpannija rikorrenti ddaħħlet bħala “*Redux Cut Energy Drink*”;

Illi l-liċenza nħarġet f'Jannar tal-2008[1] bil-kundizzjoni li l-oġġetti kellhom jkunu jaqgħu taħt il-kategorija CN 2202, u f'dak l-istess xahar Clint Galea (f'isem il-kumpannija rikorrenti) ngħata reġistrazzjoni bħala kummerċjant fi prodotti tal-ikel għall-finijiet tal-Avviż Legali 315 tal-2004[2]. Fl-24 ta' Marzu, 2008[3], waslet f'Malta fuq il-bastiment "*Maersk Douala*"[4] il-kunsinna tax-xarba li kienet magħmula minn 2880 kaxxa b'24 bott kull waħda, maqsumin indaqs bejn "*regular*"[5] u "*free*"[6]. Magħha kien hemm ukoll xi materjal ta' reklami[7]. Fis-27 ta' Marzu, 2008[8], il-kumpannija rikorrenti ħallset id-dazju u t-Taxxa dwar il-Valur Miżjud kollu li ntalab;

Illi fl-10 ta' Ġunju, 2008[9], nqabdu minn stabiliment kummerċjali fil-Qawra mitejn u sittax-il (216) bott ta' 250 millilitru tax-xarba flimkien ma' sebgħa u għoxrin (27) bott ieħor tal-250 millilitru tax-xarba, fuq ordni tal-intimat. Fit-18 ta' Ġunju, 2008, tressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[10];

Illi bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-

---

[1] Dok f'paġ. 22 tal-atti
[2] Dok f'paġ. 23 tal-atti
[3] Dok f'paġġ. 18 – 9 tal-atti
[4] Dok f'paġ. 20 tal-atti
[5] Ara d-Dok f'paġġ. 30 – 2 tal-atti
[6] Ara d-Dok f'paġġ. 33 – 5 tal-atti
[7] Dok f'paġġ. 8 sa 12 tal-atti
[8] Dok f'paġġ. 13 - 6 tal-atti
[9] Dok f'paġ. 7 tal-atti
[10] Art. 873(1) tal-Kap 12
[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Illi, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Illi minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[14], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra

---

[12] Art. 875(3) tal-Kap 12

[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

[14] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[15] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Illi, f'dan ir-rigward, il-liġi llum (b'seħħ minn Ottubru tal-2006), m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Illi l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[16], disaġju jew tħassib;

Illi f'dan il-każ ma jidhirx li hemm dubju li l-kumpannija rikorrenti għandha l-jedd *prima facie* li tqiegħed il-prodott fuq is-suq, u dan għaliex intwera tajjeb biżżejjed[17] li l-kunsinna nġabet f'Malta wara li tħarsu l-kundizzjonijiet kollha mitluba mil-liġi u wara li ngħataw l-awtoriżżazzjonijiet meħtieġa kollha mill-awtoritajiet kompetenti, għalkemm hemm kwestjoni dwar jekk il-kampjuni miġjuba f'Malta mill-istess kumpannija rikorrenti kinux tassew juru l-isem tax-xarba kif inhu jew jekk kienx juri mod ieħor;

Illi dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għamil li l-kumpannija rikorrenti trid iżżomm lill-intimat milli jwettaq, il-Qorti ssib li dan l-element ma jirriżultax. Fl-ewwel lok, il-liġi tagħti lill-kumpannija rikorrenti rimedji xierqa biex, jekk jidhrilha, tattakka l-għamil tal-intimat jekk kemm-il darba jirriżulta li l-konfiska jew iż-żamma tax-xarba mis-suq lokali kienet jew hi kontra l-liġi. Fit-tieni lok, il-ħsara li l-

---

[15] Art. 873(3) tal-Kap 12
[16] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[17] Ara x-xhieda ta' Clinton Galea 14.7.2008

kumpannija rikorrenti tista' ġġarrab bl-għamil tal-intimat hija waħda ta' dannu li jista' jissarraf ukoll f'kumpens fi flus f'każ li l-għamil amministrattiv jirriżulta tassew li sar bi ksur tal-liġi. Fit-tielet lok, ħsieb l-intimat huwa li jiġbor il-bottijiet tax-xarba miċ-ċirkolazzjoni fuq is-suq lokali u mhux li jeqridhom, u għalhekk, f'każ li l-kumpannija attriċi trid tisfida d-deċiżjoni tal-intimat, il-kunsinna maqbuda tkun tista' tingħatalha lura jekk kemm-il darba jseħħilha turi li l-għamil ta' l-intimat ma kienx wieħed mistħoqq;

Illi, mill-aspett tal-proporzjonalita' jidher li t-tħassib imqanqal mill-enti non-governativi[18] dwar l-aċċess għal persuni taħt l-eta' tax-xarba b'dak l-isem fis-suq lokali ma jidhirx li huwa wieħed għal kollox barra minn loku, l-iżjed fid-dawl tal-Politika Nazzjonali dwar id-Droga mfassla mill-Ministeru Governattiv kompetenti[19], u ta' miżuri oħrajn meħuda minn awtoritajiet oħrajn f'dawn l-aħħar ġimgħat[20];

Għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti; u

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2008, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju;

Mogħti kameralment illum, 16 ta' Lulju, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[18] Ara x-xhieda ta' Joseph Ġerada 14.7.2008
[19] Dok "JGA" f'paġġ. 43 sa 74 tal-atti (b'mod partikolari f'paġ. 53)
[20] Ara Dokti "JGB" sa "JGG", f'paġġ. 77 sa 86 tal-atti